# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 20 ta' Marzu tas-sena 2002.**

**Numru 3**

**Avviz numru 71/02/SM**

**Retina Telecommunications Co. Ltd.**

**vs**

**Ceiling Systems Ltd.**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef u disgha u tletin Liri Maltin u sittin centezmi, (LM3,039.60,0) rapprezentanti bilanc ta' somma akbar prezz ta' merkanzija konsistenti f'apparat u sistemi tat-telephone lilha mibjugha u kkonsenjati kif ukoll installar u manutenzjoni ta' l-istess sistemi kif jirrizulta mill-anness Dokument mmarkat "A";**

**Bl-ispejjez u bl-imghax legali sal-jum tal-hlas effettiv, kontra s-socjeta' attrici li giet ingunta ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma deheritx, la fil-15 ta' Marzu tas-sena 2002 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**